# IL-QORTI ĠENERALI

## Assenjazzjoni tal-Imħalfin lill-Awli

(2012/C 343/02)

Fid-9 ta' Ottubru 2012, il-Konferenza Plenarja tal-Qorti Ġenerali ddeċidiet, wara li l-Imħallef E. Buttigieg assuma l-kariga tiegħu, li temenda d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2010 ([1]), tas-26 ta' Ottubru 2010 ([2]), tad-29 ta' Novembru 2010 ([3]), tal-20 ta' Settembru 2011 ([4]), tal-25 ta' Novembru 2011 ([5]), tas-16 ta' Mejju 2012 ([6]) u tas-17 ta' Settembru 2012 ([7]) dwar l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli.

Għall-perijodu mid-9 ta' Ottubru 2012 sal-31 ta' Awwissu 2013, l-Imħallfin huma assenjati lill-awli kif ġej:

*L-Ewwel Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

J. Azizi, President tal-Awla, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias, M. Kancheva u E. Buttigieg, Imħallfin.

*L-Ewwel Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

J. Azizi, President tal-Awla;

(a) S. Frimodt Nielsen u M. Kancheva, Imħallfin;
(b) S. Frimodt Nielsen u E. Buttigieg, Imħallfin;
(c) M. Kancheva u E. Buttigieg, Imħallfin.

*It-Tieni Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

N.J. Forwood, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek u J. Schwarcz, Imħallfin.

*It-Tieni Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

N.J. Forwood, President tal-Awla;
F. Dehousse, Imħallef;
J. Schwarcz, Imħallef.

*It-Tielet Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

O. Czúcz, President tal-Awla, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias, M. Kancheva u E. Buttigieg, Imħallfin.

*It-Tielet Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

O. Czúcz, President tal-Awla;
I. Labucka, Imħallef;
D. Gratsias, Imħallef.

*Ir-Raba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

I. Pelikánová, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

*Ir-Raba'Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

I. Pelikánová, President tal-Awla;
K. Jürimäe, Imħallef;
M. van der Woude, Imħallef.

([1]) ĠU C 288, 23.10.2010, p. 2.
([2]) ĠU C 317, 20.11.2010, p. 5.
([3]) ĠU C 346, 18.12.2010, p. 2.
([4]) ĠU C 305, 15.10.2011, p. 2.
([5]) ĠU C 370, 17.12.2011, p. 5.
([6]) ĠU C 174, 16.06.2012, p. 2.
([7]) ĠU C 311, 13.10.2012, p. 2.

*Il-Ħames Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

S. Papasavvas, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

*Il-Ħames Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

S. Papasavvas, President tal-Awla;
V. Vadapalas, Imħallef;
K. O'Higgins, Imħallef.

*Is-Sitt Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

H. Kanninen, President tal-Awla, M. E. Martins Ribeiro, N. Wahl, S. Soldevila Fragoso, A. Popescu u G. Berardis, Imħallfin.

*Is-Sitt Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

H. Kanninen, President tal-Awla;

(a) N. Wahl u S. Soldevila Fragoso, Imħallfin;
(b) N. Wahl u G. Berardis, Imħallfin;
(c) S. Soldevila Fragoso u G. Berardis, Imħallfin.

*Is-Seba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

A. Dittrich, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek u J. Schwarcz, Imħallfin.

*Is-Seba' Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

A. Dittrich, President tal-Awla;
I. Wiszniewska-Białecka, Imħallef;
M. Prek, Imħallef.

*It-Tmien Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

L. Truchot, President tal-Awla, M. E. Martins Ribeiro, N. Wahl, S. Soldevila Fragoso, A. Popescu u G. Berardis, Imħallfin.

*It-Tmien Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

L. Truchot, President tal-Awla;
M. E. Martins Ribeiro, Imħallef;
A. Popescu, Imħallef.

Għall-perijodu mid-9 ta' Ottubru 2012 sal-31 ta' Awwissu 2013:

— fl-Ewwel Awla Estiża, l-Imħallfin li ser jifformaw il-kulleġġ ta' ħames Imħallfin mal-President tal-Awla ser ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tal-Ewwel Awla inizjalment adita, ir-raba' Mħallef ta' din l-awla u Mħallef tat-Tielet Awla komposta minn tliet Imħallfin. Dan tal-aħħar, li ma għandux ikun President ta' Awla, ser jinħatar skont l-ordni previst fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fit-Tielet Awla Estiża, l-Imħallfin li ser jifformaw il-kulleġġ ta' ħames Imħallfin mal-President tal-Awla ser ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tat-Tielet Awla inizjalment adita u żewġ Imħallfin tal-Ewwel Awla, komposta minn erba' Mħallfin. Dawn l-aħħar żewġ Imħallfin, li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jkun President ta' Awla, ser jinħatru skont l-ordni previst fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fis-Sitt Awla Estiża, l-Imħallfin li ser jifformaw il-kulleġġ ta' ħames Imħallfin mal-President tal-Awla ser ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tas-Sitt Awla inizjalment adita, ir-raba' Mħallef ta' din l-awla u Mħallef tat-Tmien Awla komposta minn tliet Imħallfin. Dan tal-aħħar, li ma għandux ikun President ta' Awla, ser jinħatar skont l-ordni previst fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fit-Tmien Awla Estiża, l-Imħallfin li ser jifformaw il-kulleġġ ta' ħames Imħallfin mal-President tal-Awla ser ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tat-Tmien Awla inizjalment adita u żewġ Imħallfin tas-Sitt Awla, komposta minn erba' Mħallfin. Dawn l-aħħar żewġ Imħallfin, li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jkun President ta' Awla, ser jinħatru skont l-ordni previst fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fl-Ewwel Awla u fis-Sitt Awla, komposti minn tliet Imħallfin, il-President tal-Awla ser jifforma l-kulleġġ sussegwentement mal-Imħallfin imsemmija fil-paragrafu a), fil-paragrafu b) jew fil-paragrafu c), skont il-kulleġġ li huwa jkun parti minnu l-Imħallef Relatur. Għall-kawżi fejn il-President tal-Awla jkun l-Imħallef Relatur, il-President tal-Awla ser jifforma l-kulleġġ mal-Imħallfin ta' kull wieħed minn dawn il-kulleġġi billi jalterna fl-ordni li fih ġew jiġu rreġistrati l-kawżi, bla ħsara għall-konnessjoni tal-kawżi.